MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 288/2014

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti zzewgu fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u immarkat bhala Dokument A;
2. Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt ulied, S li twieled fl-erbgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (24/10/1992) u R li twieldet fil-hmistax ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (15/6/1995) li llum il-gurnata huma it-tnejn maggorenni;

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u il-partijiet isseparaw legalment fis-sbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (17/5/2001) wara li lahqu ftehim bejniethom ghal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta' access, kustodja u manteniment tat-tfal, li dak iz-zmien kienu ghadhom minuri, kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati, hekk kif jidher mill-att ippublikat min-Nutar Dr Christine Abela, kopja awtentika ta' liema qeghda tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument B;
4. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien sa minn dak iz-zmien;
5. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;
6. Illi kemm il-partijiet kif ukoll it-tfal, Shaun u Bettina Galea ghandhom dhul u/jew manteniment adegwat ghalihom, u in oltre' m'hemm ebda kwistjonijiet ohra pendenti bejniethom;

Talbu ghar-ragunijiet fuq imsemmija li din il-Qorti joghgobha skont dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni :

(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijet, li sehh fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; (Art 66A(1), Kap. 16);

(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art. 66A(4), Kap. 16);

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Awissu 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-17 ta’ Mejju 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------